

Brussell, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11471/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0117(NLE)

PECHE 260
UK 104
N 64

NOTA

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) 2024/257 li jstabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 li jstabbilixxi għall-2023 dawn l-opportunitajiet tas-sajd - it-tieni emenda - Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni, Spanja u dikjarazzjoni konġunta mill-Finlandja u l-Iżvezja |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni u Spanja, u dikjarazzjoni konġunta mill-Finlandja u l-Iżvezja

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

L-Artikolu 5(3) tal-pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent jipprevedi l-ġestjoni tas-sajd imħallat fir-rigward tal-istokkijiet tal-qabdiet aċċessorji filwaqt li fl-istess ħin titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha fil-livell tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY), speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn dan iwassal għall-ġheluq prematur tas-sajd. Diffikultà bħal din għandha tintwera u tiġi sostnuta minn data soċjoekonomika speċifika, affidabbli u verifikabbli. Fil-każ li sseħħ id-diffikultà biex jinqabdu l-istokkijiet kollha fil-livell tal-MSY, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jippreżentaw data soċjoekonomika minn sorsi verifikabbli, b'mod partikolari miksuba permezz tal-Qafas tal-UE għall-Ġbir tad-Data.

Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-preżentazzjoni magħmula minn Spanja fis-7 u fl-10 ta' Ġunju 2024 li tiddikjara li t-TACs stabbiliti mill-Kunsill għall-istokk tal-pollakkju fl-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku, fid-diviżjonijiet tal-ICES 8.c u 9.a, għandhom jirriżultaw fl-ġheluq prematur tas-sajd imħallat, li jwassal għal konsegwenzi soċjoekonomiċi potenzjalment serji. Minħabba d-data soċjoekonomika ppreżentata minn Spanja biex tissostanzja l-effett ta' kwoti limitanti għas-segmenti tal-flotta tagħha fl-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku, waqt il-plenarja tagħha ta' Lulju il-Kummissjoni se titlob lill-STEFCF biex iwettaq valutazzjoni tal-fenomeni ta' kwoti limitanti u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tikkunsidra li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena biex jiġu aġġustati t-TACs għall-pollakkju fl-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku (POL/08C. u POL/9/3411) għall-2024.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istess approċċ għall-Portugall jekk dan il-pajjiż jipprovdi f'waqtu data soċjoekonomika speċifika, affidabbli u verifikabbli rigward it-TAC tiegħu għall-pollakkju fl-ilmijiet Iberiċi (POL/9/3411) stabbilita għall-2024.

Dikjarazzjoni minn Spanja

Spanja tixtieq tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-eżitu tat-tieni emenda tat-TAC u l-kwoti fir-rigward tal-istokk tal-Pollakkju fiż-żoni 8 u 9. Huwa possibbli li din id-deċiżjoni ma ssegwix il-prinċipju bażi tal-ġestjoni tas-sajd li jiġu adottati miżuri għal popolazzjoni bijoloġika sħiħa.

Spanja tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni, inkluż miżuri tekniċi, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aspetti soċjoekonomiċi.

Madankollu, l-adozzjoni ta' miżuri għal subkomponent wieħed biss ta' popolazzjoni waħda tista' toħloq ħafna problemi u toħloq inċertezzi legali għall-operaturi.

Fil-fatt, id-differenzi fit-tnaqqis tal-kwota applikat biss għal subkomponent wieħed tal-istokk jistgħu jwasslu għal interruzzjonijiet fil-bilanċ relattiv bejn is-subkomponenti u għaldaqstant fl-istabbiltà relattiva fost l-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' żewġ daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni f'żoni kontigwi joħloq problema għall-attività ta' kontroll.

Fir-rigward tal-analiżi ad hoc tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), Spanja ma kinitx involuta kif xieraq fil-proċess minkejja li hija detentur importanti tal-kwota tal-istokk ikkonċernat; Spanja tirrikonoxxi r-rieda tal-Kummissjoni li tivvaluta d-data Spanjola fil-plenarja li jmiss tal-STECF. Madankollu, fil-futur, il-konsultazzjonijiet tal-STECF għandhom ikunu miftuħa għall-Istati Membri kkonċernati kollha, bi proċedura stabbilita li tinkludi sejħa xierqa għall-interess.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Finlandja u l-Iżvezja

Matul il-Kunsill ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni, il-Finlandja u l-Iżvezja qablu dwar talba urġenti lill-ICES għal parir, dwar il-miżuri ta' ġestjoni proposti mill-Finlandja u l-Iżvezja għas-sajd tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 29N u 30 għall-2024. Il-Finlandja u l-Iżvezja ser jipprovdu lill-ICES u lill-Kummissjoni l-informazzjoni xjentifika neċessarja u l-għarfien espert meħtieġ għal tali parir. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li, jekk ikun xieraq abbażi tal-parir tal-ICES, tippreżenta proposta għal emenda tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd fil-Baltiku għall-2024.

Il-parir speċjali tal-ICES ġie ppreżentat fil-31 ta' Mejju 2024 li fih l-ICES ikkonkluda li l-miżuri proposti mill-Finlandja u l-Iżvezja, jiġifieri l-miżuri ta' ġestjoni madwar ix-xmara Ljungan u mmirati lejn salamun imrobbi bil-pinna maqtugħa jkollhom effett pożittiv għas-salamun fix-xmara Ljungan. Bħala kumpens għat-telf fil-produzzjoni tas-salamun minħabba l-iżvilupp tal-enerġija idroelektrika, is-salamun żgħir imrobbi jiġi maħżun kull sena, jiġi mmarkat bit-tneħħija tal-pinna adipuża u għalhekk jista' jiġi sseparat mis-salamun selvaġġ. Barra minn hekk, skont il-parir annwali tal-ICES għas-salamun għall-2025, is-salamun mix-xmara Ljungan qed jirkupra kif mistenni mill-mortalità relatata ma' mard preċedenti.

Minħabba l-parir il-ġdid tal-ICES, il-Finlandja u l-Iżvezja ma jqisux li projbizzjoni totali tas-sajd għas-salamun fiż-żona hija xjentifikament ġustifikata jew proporzjonata għall-irkupru tal-istokk meta mqabbla mal-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi li tikkawża lis-sajjieda kostali fuq skala żgħira. Għalhekk, il-Finlandja u l-Iżvezja ħeġġew lill-Kummissjoni tressaq proposta għal emenda tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd fil-Baltiku li tippermetti sajd dirett ta' salamun imrobbi bil-pinna maqtugħa fl-SD 29 N u SD 30 mill-1 ta' Lulju 2024 peress li dan, skont il-parir tal-ICES, ikollu impatt negliġibbli fuq l-istokk tas-salamun ta' Ljungan filwaqt li jtaffi l-impatt soċjoekonomiku fuq is-sajjieda kostali fuq skala żgħira fiż-żona.

Għalhekk, il-Finlandja u l-Iżvezja huma diżappuntati ħafna li l-Kummissjoni ma ressqitx emenda tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd fil-Baltiku li tippermetti sajd dirett għas-salamun imrobbi bil-pinna maqtugħa fl-SD29N u SD 30.